



IL-KUMMISSJONI  
EWROPEA

Brussell, 29.5.2020  
COM(2020) 459 final

2018/0224 (COD)

Proposta emendata għal

**REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL**

**li jistabbilixxi Orizzont Ewropa – il-Programm Qafas għar-Riċerka u l-Innovazzjoni, li jistabbilixxi r-regoli għall-parteeċipazzjoni fih u t-tixrid tiegħu,**

**DEĊIŻJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL  
dwar l-istabbiliment tal-programm speċifiku li jimplementa Orizzont Ewropa – il-  
Programm Qafas għar-Riċerka u l-Innovazzjoni,**

**REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL li jistabbilixxi l-  
Istrument ta' Viċinat, ta' Kooperazzjoni għall-Iżvilupp u ta' Kooperazzjoni  
Internazzjonali,**

**REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL li jistabbilixxi r-  
regoli dwar l-appoġġ għall-pjanijiet strateġiċi li jridu jitfasslu mill-Istati Membri skont  
il-Politika Agrikola Komuni (il-Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK) u ffinanzjati mill-Fond  
Agrikolu Ewropew ta' Garanzija (FAEG) u mill-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp  
Rurali (FAEŻR) u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 1305/2013 tal-Parlament Ewropew  
u tal-Kunsill u r-Regolament (UE) Nru 1307/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill**

## MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

### 1. KUNTEST TAL-PROPOSTA

Il-pandemija tal-COVID-19 hija kriżi mifruxa u serja tas-saħħa pubblika. Din taffettwa b' mod gravi liċ-ċittadini, lis-soċjetajiet u lill-ekonomiji madwar id-dinja. Il-firxa tal-kriżi tas-saħħa u r-reazzjonijiet ta' politika biex jikkontrollawha huma bla preċedent. Għaldaqstant, il-qawwa tal-impatt soċjoekonomiku tagħha, b' mod straordinarju, għadna ma nafuhx. Diġà f'dan l-istadju, huwa ċert li dan qed jippreżenta sfidi kbar u mingħajr preċedent għas-sistemi finanzjarji u ekonomiċi tal-Istati Membri. Skont it-tbassir ekonomiku tar-rebbiegħa tal-Kummissjoni<sup>1</sup>, il-PDG tal-UE huwa previst li din is-sena jonqos b' madwar 7,5 % - ferm aktar minn dak tal-kriżi finanzjarja dinjija tal-2009 - u li se jerġà lura għal biss 6 % fl-2021.

Bi tweġiba, l-Istati Membri adottaw miżuri ekonomiċi u finanzjarji diskrezzjonali eċċezzjonali. Flimkien mal-effett tal-hekk imsejħa "stabilizzaturi awtomatiċi", jiġifieri l-pagamenti previsti permezz ta' sistemi tal-assigurazzjoni kontra l-qgħad u tas-sigurtà soċjali flimkien mat-telf fid-dħul mit-taxxa, dawn il-miżuri għandhom impatt konsiderevoli fuq il-finanzi pubbliċi tagħhom, bid-defiċit aggregat tal-gvernijiet jitla' minn 0,6 % tal-PDG fl-2019 għal 8,5 % tal-PDG din is-sena, kemm fiż-Żona tal-Euro kif ukoll fl-UE.

Il-kriżi tal-pandemija tal-COVID-19 qed ikollha wkoll impatt kbir fuq is-soċjetajiet fid-dinja kollha, b'konsegwenzi soċjali u ekonomiċi dinjija gravi, fejn l-ewwel ma ntlaw kien s-sistemi tas-saħħa. Jenħtieġ li l-istrateġija tagħna ta' rispons tkun komprensiva, koerenti u integrata, biex tindirizza kemm is-saħħa pubblika kif ukoll l-isfidi soċjoekonomiċi. Il-pajjiżi l-anqas żviluppatti huma l-aktar vulnerabbli għall-COVID-19 minħabba s-sistemi tas-saħħa dgħajfa u xejn reżiljenti, u minħabba l-isfidi soċjoekonomiċi u ta' governanza kumplessi tagħhom. Huwa diġà evidenti li l-COVID-19 se jkollha impatt kbir fuq is-sistemi ekonomiċi u makroekonomiċi fil-pajjiżi sħab tagħna. Il-gvernijiet se jkollhom l-isfida li jżommu l-istabbiltà makroekonomika u li jżommu l-ispazju fiskali biex jipproteġu lil dawk li huma l-aktar vulnerabbli, il-kumpaniji tagħhom, il-ħaddiema tagħhom kif ukoll biex ikomplu jipprovdu s-servizzi soċjali bażiċi.

Din is-sitwazzjoni eċċezzjonali titlob approċċ koerenti u magħqud fil-livell ta' Unjoni.

Pjan komprensiv għall-irkupru Ewropew se jkun jeħtieġ investiment pubbliku u privat enormi fil-livell Ewropew sabiex tingħata enerġija lill-ekonomija, jinħolqu impjiegi ta' kwalità għolja u jkun hemm investiment biex tisewwa l-ħsara immedjata li ġab il-Coronavirus. Il-Kummissjoni għaldaqstant tipproponi li tiegħu vantaġġ mill-kapaċità kollha tal-baġit tal-UE biex timmobilizza l-investiment u tfori appoġġ finanzjarju fl-ewwel snin kruċjali tal-irkupru abbażi ta':

Strument ta' Rkupru tal-Unjoni Ewropea bħala miżura eċċezzjonali bbażata fuq

L-Artikolu 122 TFUE, li l-finanzjament tiegħu se jkun ibbażat fuq awtorizzazzjoni mogħtija fil-proposta għad-Deċiżjoni dwar ir-Riżorsi Proprji. Il-fondi se jippermettu l-implimentazzjoni ta' miżuri b'effett rapidu biex jiġu protetti l-għajxien, tiżdied il-prevenzjoni u jissaħħu r-reżiljenza u l-irkupru b'rispons għall-kriżi.

- **Qafas Finanzjarju Pluriennali msaħħaħ għall-2021-2027**

<sup>1</sup> Tbassir Ekonomiku Ewropew, id-Dokument Istituzzjonali 125. Mejju 2020.

Il-miżuri ta' rkupru u ta' reżiljenza fl-Istrument Ewropew ta' Rkupru se jitwettqu permezz ta' strumenti ta' implimentazzjoni li diġà jeżistu f'għadd ta' programmi speċifiċi tal-Unjoni proposti mill-Kummissjoni fil-qafas finanzjarju pluriennali għall-2021-2027, inklużi:

- il-Programm Qafas għar-Riċerka u l-Innovazzjoni u l-Programm ta' implimentazzjoni speċifiku tiegħu Orizzont Ewropa,
- l-Istrument ta' Viċinat, ta' Kooperazzjoni għall-Iżvilupp u ta' Kooperazzjoni Internazzjonali
- il-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali

Għaldaqstant huwa meħtieġ li jiġu emendati l-proposti tal-Kummissjoni relatati mal-programmi tal-Unjoni msemmija hawn fuq.

## **2. BAŻI ĠURIDIKA, SUSSIDJARJETÀ U PROPORZJONALITÀ**

### **• Bażi ġuridika**

L-azzjoni tal-UE hija ġġustifikata bl-Artikoli 43(2), 173(3), 182(1) u (4), 183, 188, 209, 212 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea.

### **• Sussidjarjetà (għall-kompetenza mhux esklużiva)**

Il-memorandum ta' spjegazzjoni tal-[Istrument ta' Rkupru tal-Unjoni Ewropea] jistipula l-kunsiderazzjonijiet ta' sussidjarjetà u ta' proporzjonalità.

Barra minn hekk, il-memoranda ta' spjegazzjoni tal-proposti tal-Kummissjoni li ġejjin, jistipulaw il-kunsiderazzjonijiet ta' sussidjarjetà u ta' proporzjonalità applikabbli għall-programmi kkonċernati:

- COM (2018) 392 għal REGOLAMENTO TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL li jistabbilixxi r-regoli dwar l-appoġġ għall-pjanijiet strateġiċi li jridu jitfasslu mill-Istati Membri skont il-Politika Agrikola Komuni (il-Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK) u ffinanzjati mill-Fond Agrikolu Ewropew ta' Garanzija (FAEG) u mill-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali (FAEŻR) u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 1305/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u r-Regolament (UE) Nru 1307/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, (minn hawn 'il quddiem il-“Proposta tal-Kummissjoni COM (2018) 392”),
- COM (2018) 435: Proposta għal REGOLAMENTO TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL li jistabbilixxi Orizzont Ewropa – il-Programm Qafas għar-Riċerka u l-Innovazzjoni, li jistabbilixxi r-regoli għall-parteċipazzjoni fih u t-tixrid tiegħu (minn hawn 'il quddiem il-“Proposta tal-Kummissjoni COM (2018) 435”),
- COM (2018) 436 għal DEĊIŻJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL dwar l-istabbiliment tal-programm speċifiku li jimplementa Orizzont Ewropa – il-Programm Qafas għar-Riċerka u l-Innovazzjoni (minn hawn 'il quddiem il-“Proposta tal-Kummissjoni COM (2018) 436”),
- COM (2018) 460: Proposta għal REGOLAMENTO TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL li jistabbilixxi l-Istrument ta' Viċinat, ta' Kooperazzjoni għall-Iżvilupp u ta' Kooperazzjoni Internazzjonali (minn hawn 'il quddiem il-“Proposta tal-Kummissjoni COM (2018) 460”),

### **• Għażla tal-istrument**

Din il-proposta temenda l-proposti tal-Kummissjoni COM (2018) 392, COM (2018) 435, COM (2018) 436 u COM (2018) 460.

### **3. RIŻULTATI TAL-EVALWAZZJONIJIET *EX POST*, TAL-KONSULTAZZJONIJIET MAL-PARTIJIET IKKONĊERNATI U TAL-VALUTAZZJONIJIET TAL-IMPATT**

- **Konsultazzjonijiet mal-partijiet ikkonċernati**

Il-memorandum ta' spjegazzjoni tal-proposti inizjali tal-Kummissjoni li ġejjin jiddeskrivi fid-dettall il-konsultazzjonijiet pubbliċi u mal-partijiet ikkonċernati li saru: COM (2018) 392, COM (2018) 435, COM (2018) 436 u COM (2018) 460.

- **Evalwazzjonijiet u valutazzjoni tal-impatt**

Il-memorandum ta' spjegazzjoni tal-proposti inizjali tal-Kummissjoni li ġejjin jiddeskrivi fid-dettall l-eżitu tal-evalwazzjonijiet *ex post* u *interim* li saru b'appoġġ għall-proposti: COM (2018) 392, COM (2018) 435, COM (2018) 436 u COM (2018) 460.

### **4. IMPLIKAZZJONIJIET BAĠITARJI**

L-Unjoni se tpoġġi għad-dispożizzjoni t-total ta' EUR EUR 14 647 miljun għal Orizzont Ewropa – il-Programm Qafas għar-Riċerka u l-Innovazzjoni, it-total ta' EUR 16 483 miljun għall-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali u t-total ta' EUR 11 448 miljun għaż-żieda fil-garanzija għall-azzjoni esterna permezz tal-Istrument ta' Viċinat, ta' Kooperazzjoni għall-Iżvilupp u ta' Kooperazzjoni Internazzjonali. Il-pajjiżi benefiċjarji elenkati fl-Anness I tal-Istrument għall-Assistenza ta' Qabel l-Adeżjoni (IPA, Instrument for Pre-Accession Assistance) se jkunu eleġibbli għal din iż-żieda. Il-finanzjament addizzjonali se jkun disponibbli permezz tal-Istrument Ewropew ta' Rkupru fuq il-bażi tas-setgħa mogħtija fid-Deċizzjoni l-ġdida dwar ir-Riżorsi Proprji.

Aktar dettalji dwar l-implikazzjonijiet baġitarji huma mogħtija fid-Dikjarazzjoni Finanzjarja Leġiżlattiva.

### **5. ELEMENTI OĦRA**

- **Spjegazzjoni fid-dettall tad-dispożizzjonijiet speċifiċi tal-proposta**

Il-proposta tikkonsisti f'modifiki mmirati lejn il-proposti tal-Kummissjoni li ġejjin: COM (2018) 392, COM (2018) 435, COM (2018) 436 u COM (2018) 460.

L-emendi ewlenin immedija għandhom l-għan li:

- jippermettu l-implimentazzjoni tal-miżuri stabbiliti fil-proposta għal Regolament li jstabbilixxi l-Istrument ta' Rkupru tal-Unjoni Ewropea permezz ta' mekkaniżmi ta' twassil tal-Programm Qafas għar-Riċerka u l-Innovazzjoni, l-Istrument ta' Viċinat, ta' Kooperazzjoni għall-Iżvilupp u ta' Kooperazzjoni Internazzjonali u l-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali;
- jippermettu l-finanzjament mill-Istrument ta' Rkupru tal-Unjoni Ewropea bħala dħul assenjat estern skont l-Artikolu 21(5) tar-Regolament Finanzjarju;

- jiżguraw konformità mal-iskadenzi speċifikati stabbiliti fl-Artikolu 4 tal-proposta għal Regolament li jistabbilixxi l-Istrument ta' Rkupru tal-Unjoni Ewropea permezz ta' kontroreferenzjar xieraq;

Proposta emendata għal

**REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL**

**li jistabbilixxi Orizzont Ewropa – il-Programm Qafas għar-Riċerka u l-Innovazzjoni, li jistabbilixxi r-regoli għall-partekipazzjoni fih u t-tixrid tiegħu,**

**DEĊIŻJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL  
dwar l-istabbiliment tal-programm speċifiku li jimplementa Orizzont Ewropa – il-Programm Qafas għar-Riċerka u l-Innovazzjoni,**

**REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL li jistabbilixxi l-Istrument ta' Viċinat, ta' Kooperazzjoni għall-Iżvilupp u ta' Kooperazzjoni Internazzjonali,**

**REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL li jistabbilixxi r-regoli dwar l-appoġġ għall-pjanijiet strateġiċi li jridu jiffasslu mill-Istati Membri skont il-Politika Agrikola Komuni (il-Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK) u ffinanzjati mill-Fond Agrikolu Ewropew ta' Garanzija (FAEG) u mill-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali (FAEŻR) u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 1305/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u r-Regolament (UE) Nru 1307/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill**

Il-Proposti tal-Kummissjoni COM(2018) 435, COM (2018) 436, COM (2018) 460, COM (2018) 392 huma emendati kif ġej:

1. Il-Proposta tal-Kummissjoni COM(2018) 435 għal **REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL li jistabbilixxi Orizzont Ewropa – il-Programm Qafas għar-Riċerka u l-Innovazzjoni, li jistabbilixxi r-regoli għall-partekipazzjoni fih u t-tixrid tiegħu** huwa emendat kif ġej:

(1) Tiddaħħal il-premessa (15a) li ġejja:

“(15a) Skont ir-Regolament [l-Istrument ta' Rkupru tal-Unjoni Ewropea] u fil-limiti tar-riżorsi allokatu fih, il-miżuri ta' rkupru u ta' reżiljenza f'dan il-Programm jenħtieġ li jitwettqu sabiex jiġi indirizzat l-impatt mingħajr preċedent tal-kriżi tal-COVID-19. Dawn ir-riżorsi addizzjonali jenħtieġ li jintużaw b'mod li jiżguraw konformità mal-limiti ta' żmien previsti fir-Regolament [ERI, European Union Recovery Instrument].;

(2) Jiddaħħal l-Artikolu 9a li ġej:

*Artikolu 9a*

*Riżorsi mill-Istrument ta' Rkupru tal-Unjoni Ewropea*

Il-miżuri msemmija fl-Artikolu 2 tar-Regolament [ERI] għandhom jiġu implimentati permezz ta' dan il-Programm bl-ammonti msemmijin fil-punt (v) tal-Artikolu 3(2)(a) ta' dan ir-Regolament [ERI], soġġett għall-Artikolu 4(4) u (8) tiegħu.

Dawn l-ammonti għandhom jikkostitwixxu dħul assenjat estern f'konformità mal-Artikolu 21(5) tar-Regolament Finanzjarju.”

2. L-Artikolu 4a li ġej jiddaħħal fil-Proposta tal-Kummissjoni COM (2018) 436 għal DEĊIŻJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL dwar l-istabbiliment tal-programm speċifiku li jimplementa Orizzont Ewropa – il-Programm Qafas għar-Riċerka u l-Innovazzjoni:

*“Artikolu 4a*

*Riżorsi mill-Istrument ta’ Rkupru tal-Unjoni Ewropea*

F’konformità mal-artikolu 9a tar-Regolament [ir-Regolament dwar il-Programm Qafas] il-miżuri msemmija fl-Artikolu 2 tar-Regolament [ERI] għandhom jiġu implimentati taħt dan il-Programm Speċifiku permezz tal-ammonti msemmijin fil-punt (v) tal-Artikolu 3(2)(a) ta’ dan ir-Regolament [ERI], soġġett għall-Artikolu 4(4) u (8) tiegħu.”

3. Proposta tal-Kummissjoni COM (2018) 460 għal REGOLAMENTO TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL li jistabbilixxi l-Istrument ta’ Viċinat, ta’ Kooperazzjoni għall-Iżvilupp u ta’ Kooperazzjoni Internazzjonali huwa emendat kif ġej:

- (1) Tiddaħħal il-premessa 36a li ġejja:

“(36a) Skont ir-Regolament [l-Istrument ta’ Rkupru tal-Unjoni Ewropea] u fil-limiti tar-riżorsi allokatu għalih, il-miżuri ta’ rkupru u ta’ reżiljenza taħt l-Istrument ta’ Viċinat, ta’ Kooperazzjoni għall-Iżvilupp u ta’ Kooperazzjoni Internazzjonali jenħtieġ li jitwettqu sabiex jiġi indirizzat l-impatt mingħajr preċedent tal-kriżi tal-COVID-19. Dawn ir-riżorsi addizzjonali jenħtieġ li jintużaw b’mod li jiżguraw konformità mal-limiti ta’ żmien previsti fir-Regolament [ERI].”

- (2) Jiddaħħal l-Artikolu 6a li ġej:

*“Artikolu 6a*

*Riżorsi mill-Istrument ta’ Rkupru tal-Unjoni Ewropea*

(1) Taħt il-Garanzija għall-Azzjoni Esterna, l-ammont imsemmi fit-tieni subparagrafu tal-Artikolu 26(3), għandu jingħata skont il-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 4(6) tar-Regolament [ERI], ħlief għall-operazzjonijiet ta’ assistenza makrofinanzjarja li għandhom jingħataw kif stabbilit fl-Artikolu 4(7) ta’ dan ir-Regolament [ERI]. Dan l-ammont għandu jappoġġa wkoll l-operazzjonijiet fil-pajjiżi benefiċjarji elenkati fl-Anness I tar-Regolament IPA III.

(2) L-ammont imsemmi fil-punt (iii) tal-Artikolu 3(2)(c) tar-Regolament [ERI] għandu jintuża għall-provvediment ta’ Garanzija għall-Azzjoni Esterna skont dan ir-Regolament, flimkien mar-riżorsi msemmija fl-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 211(4) tar-Regolament Finanzjarju, u għall-miżuri msemmija fit-tieni sentenza tal-Artikolu 2(2) tar-Regolament [ERI], soġġett għall-Artikolu 4(8) tiegħu.

Minbarra r-riżorsi msemmija fit-tieni subparagrafu tal-Artikolu 211(4) tar-Regolament, ammont sal-massimu ta’ EUR 11 285 762 000 għandu jitqies għall-kalkolu tal-proviżjonament li jirriżulta mir-rata ta’ proviżjonament imsemmija fl-Artikolu 211(1) tar-Regolament Finanzjarju.

L-ammont imsemmi fl-ewwel subparagrafu għandu jkun dħul assenjat estern f’konformità mal-Artikolu 21(5)tar-Regolament Finanzjarju.”

- (3) L-Artikolu 26 huwa emendat kif ġej:
- (a) Il-paragrafu 3 huwa sostitwit b'dan li ġej:
- “3. Permezz tal-Garanzija għall-Azzjoni Esterna l-Unjoni tista' tiggarrantixxi l-operazzjonijiet iffirmati bejn l-1 ta' Jannar 2021 u l-31 ta' Diċembru 2027, sa EUR 130 000 000 000 l-aktar.
- Il-massimu ta' EUR 70 000 000 000 minn dan l-ammont għandu jiġi allokati għall-operazzjonijiet li jimplimentaw il-miżuri msemmijin fit-tieni subparagrafu tal-Artikolu 2(1) tar-Regolament [ERI], u għandu jkun disponibbli biss mid-data msemmija fl-Artikolu 4(3) ta' dan ir-Regolament.”;
- (b) Il-paragrafu 6 huwa sostitwit b'li ġej:
- “6. L-EFSD+ u l-Garanzija għall-Azzjoni Esterna jistgħu jappoġġaw operazzjonijiet ta' finanzjament u ta' investiment f'pajjiżi sħab fiż-żoni ġeografiċi msemmija fl-Artikolu 4(2). Il-proviżjonament tal-Garanzija għall-Azzjoni Esterna għandu jiġi ffinanzjat mill-baġit tal-programmi ġeografiċi rilevanti stabbiliti bl-Artikolu 6(2)(a) mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 6a u għandu jiġi ttrasferit fil-fond ta' proviżjonament komuni. L-EFSD+ u l-Garanzija għall-Azzjoni Esterna jistgħu jappoġġaw ukoll operazzjonijiet fil-pajjiżi benefiċjarji elenkati fl-Anness I tar-Regolament [IPA III]. Il-finanzjament għal dawn l-operazzjonijiet taħt l-EFSD+ u għall-proviżjonament tal-Garanzija għall-Azzjoni Esterna għandu jiġi ffinanzjat permezz tar-Regolament [IPA], mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 6a(1) ta' dan ir-Regolament. Il-proviżjonament tal-Garanzija għall-Azzjoni Esterna għal self lil pajjiżi terzi msemmijin fl-Artikolu 10(2) tar-Regolament EINS għandu jiġi ffinanzjat minn dan ir-Regolament.”;
- (4) Fl-Artikolu 39, il-paragrafu 1 huwa sostitwit b'dan li ġej:
- “1. Id-Deċiżjoni 466/2014/UE u r-Regolament (KE, Euratom) Nru 480/2009 jitħassru b'effett mill-1 ta' Jannar 2021. Ir-Regolament (UE) 2017/1601 jitħassar b'effett mill-31 ta' Diċembru 2021.”
4. Il-Proposta tal-Kummissjoni COM (2018) 392 għal REGOLAMENTO TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL li jistabbilixxi r-regoli dwar l-appoġġ għall-pjanijiet strateġiċi li jridu jtfasslu mill-Istati Membri skont il-Politika Agrikola Komuni (il-Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK) u ffinanzjati mill-Fond Agrikolu Ewropew ta' Garanzija (FAEG) u mill-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali (FAEŻR) u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 1305/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u r-Regolament (UE) Nru 1307/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, huwa emendat kif ġej:
- (1) Tiddaħħal il-premessa (71a) ġdida li ġejja:
- (71a) F'konformità mar-Regolament [l-Istrument ta' Rkupru tal-Unjoni Ewropea] u fil-limiti tar-riżorsi allokati fih, il-miżuri ta' rkupru u ta' reżiljenza permezz tal-Istrument ta' Viċinat, ta' Kooperazzjoni għall-Iżvilupp u ta' Kooperazzjoni Internazzjonali jenħtieġ li jitwettqu sabiex jiġi indirizzat l-impatt bla preċedent tal-kriżi tal-COVID-19. Dawn ir-riżorsi addizzjonali jenħtieġ li jintużaw b'mod li jiżguraw konformità mal-limiti ta' żmien previsti fir-Regolament [ERI].”
- (2) Jiddaħħal l-Artikolu 84a ġdid li ġej:



*Artikolu 84a*  
*Riżorsi mill-Istrument ta' Rkupru tal-Unjoni Ewropea*

- (1) Il-miżuri msemmin fl-Artikolu 2 tar-Regolament [ERI] għandhom jiġu implimentati permezz tal-FAEŻR u bl-ammont ta' EUR 16 483 miljun fi prezzijiet kurrenti mill-ammont msemmi fil-punt (vii) tal-Artikolu 3(2)(a) ta' dan ir-Regolament, soġġett għall-Artikoli 4(3), (4) u (8) tiegħu.

Dan l-ammont għandu jikkostitwixxi dħul assenjat estern f'konformità mal-Artikolu 21(5) tar-Regolament Finanzjarju.

Għandu jkun disponibbli bħala riżorsi addizzjonali għall-impenn baġitarju mill-FAEŻR għas-snin 2022, 2023 u 2024 flimkien mar-riżorsi globali stabbiliti fl-Artikolu 83 kif ġej:

- 2022: EUR 8 117 miljun
- 2023: EUR 4 140 miljun;
- 2024: EUR 4 226 miljun.

- (2) It-tqassim tar-riżorsi addizzjonali msemmija fil-paragrafu 1 għal kull Stat Membru għandu jiġi stabbilit skont l-Artikolu 83(3).
- (3) Ir-regoli ta' diżimpenn kif stabbiliti fl-Artikolu 32 tal-[Proposta tal-Kummissjoni għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-finanzjament, il-ġestjoni u l-monitoraġġ tal-PAK] għandhom japplikaw għall-impenni baġitarji bbażati fuq ir-riżorsi addizzjonali msemmija fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu.
- (4) L-Artikolu 86 ma għandux japplika għar-riżorsi addizzjonali msemmin fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu.
- (5) Sa 4 % tar-riżorsi addizzjonali kollha msemmin fil-paragrafu 1 jistgħu jiġu allokat i l-assistenza teknika fuq l-inizjattiva tal-Istati Membri permezz tal-kontribuzzjonijiet tal-FAEŻR għall-Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK tal-Istati Membri.
- (6) Ir-riżorsi addizzjonali msemmija fil-paragrafu 1 għandhom jintużaw b'objettiv speċifiku ġdid li jikkumplimenta l-objettivi speċifiċi stabbiliti fl-Artikolu 6 biex jiġu appoġġati operazzjonijiet li jħejju għall-irkupru tal-ekonomija.”

## **DIKJARAZZJONI FINANZJARJA LEĠIŻLATTIVA**

### **1. QAFAS TAL-PROPOSTA/TAL-INIZJATTIVA**

- 1.1. Titolu tal-proposta/tal-inizjattiva
- 1.2. Qasam/oqsma ta' politika kkonċernat(i) fl-istruttura ABM/ABB
- 1.3. Natura tal-proposta/tal-inizjattiva
- 1.4. Objettiv(i)
- 1.5. Raġunijiet għall-proposta/għall-inizjattiva
- 1.6. Durata u impatt finanzjarju
- 1.7. Mod(i) ta' ġestjoni ppjanat(i)

### **2. MIŻURI TA' ĠESTJONI**

- 2.1. Regoli ta' monitoraġġ u ta' rappurtar
- 2.2. Sistema ta' ġestjoni u kontroll
- 2.3. Miżuri għall-prevenzjoni ta' frodi u ta' irregolaritajiet

### **3. IMPATT FINANZJARJU STMAT TAL-PROPOSTA/TAL-INIZJATTIVA**

- 3.1. Intestatura/i tal-qafas finanzjarju pluriennali u l-linja/i baġitarja/i tan-nefqa affettwata/i
- 3.2. Impatt stmat fuq in-nefqa
  - 3.2.1. *Sommarju tal-impatt stmat fuq in-nefqa*
  - 3.2.2. *Impatt stmat fuq l-appropriazzjonijiet operazzjonali*
  - 3.2.3. *Impatt stmat fuq l-appropriazzjonijiet ta' natura amministrattiva*
  - 3.2.4. *Konformità mal-qafas finanzjarju pluriennali attwali*
  - 3.2.5. *Kontribuzzjonijiet minn terzi*
- 3.3. Impatt stmat fuq id-dħul

## DIKJARAZZJONI FINANZJARJA LEĠIŻLATTIVA

### QAFAS TAL-PROPOSTA/TAL-INIZJATTIVA

#### Titolu tal-proposta/tal-inizjattiva

Proposti emendati għal REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL li jstabilixxi Orizzont Ewropa – il-Programm Qafas għar-Riċerka u l-Innovazzjoni u li jstabilixxi r-regoli għall-parteċipazzjoni fih u t-tixrid tiegħu (COM(2018) 435); DEĊIŻJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL dwar l-istabiliment tal-programm speċifiku li jimplementa Orizzont Ewropa – il-Programm Qafas għar-Riċerka u l-Innovazzjoni (COM(2018)436); REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL li jstabilixxi r-regoli dwar l-appoġġ għall-pjanijiet strateġiċi li jridu jifasslu mill-Istati Membri skont il-Politika Agrikola Komuni (il-Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK) (COM (2018) 392 ); REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL li jstabilixxi l-Istrument ta' Viċinat, ta' Kooperazzjoni għall-Iżvilupp u ta' Kooperazzjoni Internazzjonali

#### Qasam/oqsm ta' politika kkonċernat(i) (Cluster ta' programmi)

01 Riċerka u Innovazzjoni
15 Azzjoni Esterna
08 Agrikoltura u Politika Marittima

#### Il-proposta/l-inizjattiva hija dwar:

- azzjoni ġdida
- azzjoni ġdida li ssegwi proġett pilota/azzjoni preparatorja<sup>2</sup>
- l-estensjoni ta' azzjoni eżistenti

X fużjoni jew ridirezzjonar ta' azzjoni waħda jew aktar lejn azzjoni oħra jew azzjoni ġdida

#### Raġunijiet għall-proposta/għall-inizjattiva

*Rekwiżit(i) li jrid(u) jiġi/u ssodisfat(i) fuq terminu qasir jew twil, inkluża kronoloġija dettaljata għat-tneġġja tal-implimentazzjoni tal-inizjattiva*

Dawn l-emendi mmirati ta' Orizzont Ewropa – il-Qafas, il-Programm Speċifiku għar-Riċerka u l-Innovazzjoni u l-Istrument ta' Viċinat, ta' Kooperazzjoni għall-Iżvilupp u ta' Kooperazzjoni Internazzjonali (NDICI, Neighbourhood, Development and International Cooperation Instrument) u tal-interventi tal-FAEŻR skont il-Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK huma proposti fil-qafas tal-proposta riveduta tal-QFP, flimkien mal-Istrument ta' Rkupru tal-Unjoni Ewropea (EURI, European Union Recovery Instrument). Dan l-istrument il-ġdid se jipprovdi fondi għal dawn il-programmi għal perjodu ta' żmien limitat aktar mil-limiti massimi stabbiliti għall-appropriazzjonijiet ta' impenn u ta' pagament mill-QFP, bħala dħul assenjat estern skont it-tifsira tal-Artikolu 21 tar-Regolament Finanzjarju.
--

<sup>2</sup>

Kif imsemmi fl-Artikolu 58(2)(a) jew (b) tar-Regolament Finanzjarju.

Bħala regola ġenerali, l-appoġġ finanzjarju u l-azzjonijiet rilevanti mwettqa mill-Kummissjoni jenħtieġ li jseħħu sa tmiem l-2024, u fir-rigward tal-appoġġ finanzjarju mhux ripagabbli, mill-inqas 60 % tat-total għandu jittieħed sa tmiem l-2022. Għaldaqstant is-snin li jifdal wara l-2024, sa tmiem il-QFP, jenħtieġ li jintużaw mill-Kummissjoni biex titrawwem l-implimentazzjoni tal-azzjonijiet rilevanti fuq il-post u biex jinkiseb l-irkupru mistenni fis-setturi ekonomiċi u soċjali rilevanti, filwaqt li jiġu promossi r-reżiljenza u l-konverġenza.

*Il-valur miżjud tal-involviment tal-Unjoni (dan jista' jirriżulta minn fatturi differenti, eż. il-gwadanji mill-koordinazzjoni, iċ-ċertezza tad-dritt, effettività akbar jew il-komplementarjetajiet). Għall-finijiet ta' dan il-punt, "il-valur miżjud tal-involviment tal-Unjoni" huwa l-valur li jirriżulta mill-intervent tal-Unjoni li jkun addizzjonali għall-valur illi kieku kien jinħoloq mill-Istati Membri weħidhom.*

(1) Sabiex jittrażżan it-tixrid tal-marda tal-Coronavirus ("COVID-19"), li fil-11 ta' Marzu 2020 ġiet iddikjarata pandemija mill-Organizzazzjoni Dinjija tas-Saħħa, l-Istati Membri u l-pajjiżi terzi adottaw ġabra ta' miżuri bla preċedent. Dawn il-miżuri kkawżaw tfixkil sinifikanti għall-attivitajiet ekonomiċi. B'mod partikolari, dawn il-miżuri fixxlu l-katini tal-provvista u l-produzzjoni u kkawżaw assenzi mix-xoġhol. B'mod aktar ġenerali, dawn il-miżuri diġà wasslu għal deterjorament sever tas-sitwazzjoni finanzjarja ta' ħafna negozji fl-Unjoni u f'pajjiżi terzi.

(2) Il-kriżi nfirxet malajr fit-territorju tal-Unjoni u f'pajjiżi terzi. Tnaqqis qawwi fit-tkabbir fl-Unjoni issa huwa previst għall-2020 u jista' jdum għaddej sal-2021. Peress li r-riskji tal-irkupru mhumiex l-istess fi Stati Membri differenti, id-diverġenza bejn l-ekonomiji nazzjonali tiżdied. Il-kapaċità fiskali differenti tal-Istati Membri, li jipprovdu appoġġ finanzjarju fejn huwa meħtieġ l-aktar għall-irkupru u d-diverġenza ta' miżuri nazzjonali, tipperikola s-suq uniku.

(3) Ġabra komprensiva ta' miżuri għall-irkupru ekonomiku hija meħtieġa u se tkun teħtieġ ammonti sostanzjali ta' investment pubbliku u privat fil-livell Ewropew sabiex tingħata enerġija lill-ekonomija, jinħolqu impjegi ta' kwalità għolja u jkun hemm investment biex tisewwa l-ħsara immedjata li għebet il-pandemija tal-COVID-19.

(4) Din is-sitwazzjoni eċċezzjonali titlob approċċ koerenti u unifikat fil-livell tal-Unjoni biex jiġi evitat aktar deterjorament tal-ekonomija u biex tingħata spinta lill-irkupru bbilanċjat tal-attività ekonomika, biex jiġu żgurati kontinwità u żieda fl-investimenti għat-tranżizzjoni ekoloġika u diġitali. Għaldaqstant, f'dan il-kuntest, huwa meħtieġ li jiġi stabbilit Strument ta' Rkupru tal-UE biex jindirizza l-konsegwenzi tal-pandemija tal-COVID-19 jew il-ħtieġa ta' finanzjament immedjat biex jiġi evitat li titfaċċa.

(5) Skont din il-loġika, l-istrument jenħtieġ li jsaħħaħ l-appoġġ, permezz ta' Orizzont Ewropa, għal attivitajiet ta' riċerka u innovazzjoni relatati mas-saħħa u mal-klima. Dan se jikkontribwixxi biex tissaħħaħ it-tħejjija biex jiġu indirizzati b'mod effettiv u rapidu l-emerġenzi u l-investment f'soluzzjonijiet immexxija mix-xjenza kif ukoll biex tiġi żgurata konsistenza mal-għanijiet tal-Patt Ekoloġiku Ewropew.

(6) Ir-relazzjonijiet kummerċjali u ekonomiċi mal-pajjiżi ġirien u dawk li qed jiżviluppaw, inklużi l-Balkani tal-Punent, il-pajjiżi tal-Viċinat Ewropew u l-pajjiżi Afrikani, huma ta' rilevanza kbira għall-ekonomija fl-Unjoni. Għal din ir-raġuni, u f'konformità mar-rwol u r-responsabbiltà globali tal-Unjoni kif ukoll il-valuri tagħha,

ir-riżorsi finanzjarji mill-Istrument ta' Rkupru permezz tal-NDICI jenħtieġ li jintużaw ukoll biex jipprovdu appoġġ għall-isforzi ta' dawn il-pajjiżi biex jiġġieldu l-impatt tal-pandemija tal-COVID-19 u biex jirkupraw minnha.

(7) L-istrument jenħtieġ li jsaħħaħ ukoll l-appoġġ, permezz tal-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali (FAEŻR), billi jagħmel disponibbli għall-Istati Membri riżorsi addizzjonali eċċezzjonali biex tingħata assistenza lis-setturi tal-biedja u tal-ikel li ntlaktu sew, biex jinstabu soluzzjonijiet għall-kriżijiet fil-kuntest tat-tifqigħa tal-COVID-19, u biex jitthejja l-irkupru tal-ekonomija.

### *Tagħlimiet miksuba minn esperjenzi simili fl-imġhoddi*

Għar-relazzjonijiet esterni, ir-rapport ta' rieżami ta' nofs it-terminu tal-Istrument ta' Finanzjament Estern<sup>3</sup> jikkonkludi li fil-kuntest attwali ta' diversi kriżijiet u kunflitti, jeħtieġ li l-qafas finanzjarju pluriennali tal-UE jkun kapaċi jaġġusta malajr għall-prijoritajiet li qed jinbidlu u għal sitwazzjonijiet mhux previsti biex jinkisbu r-riżultati fil-prattika. Bl-istess mod, l-istrumenti jeħtieġu biżżejjed flessibbiltà finanzjarja kif ukoll tipi oħra ta' flessibbiltà għall-azzjoni esterna biex jirrispondu għall-ħafna sfidi li qed tiffaċċja l-UE fuq livell dinji. Jenħtieġ li l-flessibbiltà tinbena f'livelli differenti. Dan ifisser li tibda tinbena mill-baġit, li għandu jinkludi aktar riżervi sostanzjali, għall-programmazzjoni pluriennali, u aktar simplifikazzjoni fil-livell tal-implimentazzjoni sabiex jiżiedu l-effiċjenza u l-effettività. Din il-proposta tirreaġixxi għal din il-konklużjoni billi żżid id-disponibbiltà ta' riżorsi addizzjonali, biex tiġi indirizzata l-kriżi mhux prevista kkawżata mill-pandemija tal-COVID-19.

Ir-Riċerka u l-inovazzjoni, u b'mod partikolari l-programm Ewropew ewlieni Orizzont Ewropa, jagħtu riżultati li jirriwardaw il-prijoritajiet taċ-ċittadini, jagħtu spinta lill-produttività u l-kompetittività tal-Unjoni, u huma kruċjali għaż-żamma tal-mudell u l-valuri soċjoekonomiċi tagħna, u b'hekk jippermettu soluzzjonijiet li jindirizzaw l-isfidi f'mod iktar sistemiku. Fiċ-ċirkostanzi straordinarji attwali, l-Ewropa teħtieġ soluzzjonijiet malajr immexxija mir-R&I u fehim xjentifiku aktar profund tal-mard li jittieħed. It-tiħiħ jippermetti investimenti b'saħħithom tar-R&I f'miżuri protettivi affordabbli u innovattivi, fil-viroloġija, fit-tilqim, fit-trattamenti u fid-dijanostika, u biex is-sejbiet tar-riċerka jissarrfu f'miżuri ta' politika tas-saħħa pubblika. Huwa essenzjali li jiġu ddedikati aktar riżorsi għar-R&I fil-klima biex tiġi appoġġata l-kompetittività tal-industrija tal-UE fis-setturi ekonomiċi relatati u biex jiġi żgurat irkupru konformi mal-għanijiet tal-Patt Ekoloġiku Ewropew. L-investimenti fir-R&I jistgħu jgħinu biex jiġu indirizzati ż-żidiet drammatiċi fl-emissjonijiet u d-degradazzjoni tan-natura li jħallu impatt kbir fuq is-saħħa (eż. il-mard zoonotiku). It-tiħiħ ikun ta' appoġġ għall-kumpaniji li jużaw ir-R&I biex gradwalment ineħħu l-fjuwils fossili u jinvestu f'teknoloġiji fixkiela f'oqsma tal-EGD. Dan jipprovdi mezzi finanzjarji u espansjoni għal innovazzjonijiet emerġenti u rivoluzzjonarji min-naħa tal-SMEs, negozji ġodda u l-kumpaniji b'kapitalizzazzjoni medja. Il-proposta tikkomplimenta miżuri speċifiċi oħra li diġà ttieħdu li jipprovdu għajjnuna lis-settur agrikolu. Ittieħdu miżuri regolatorji, bħall-adattament tar-regoli dwar l-għajjnuna mill-Istat, jew l-iffaċilitar tad-disponibbiltà tal-ħaddiem staġjonali.

Il-Kummissjoni adattat ukoll ir-regoli u introduċiet bidliet fiż-żewġ fondi apposta għall-arikolura, il-FAEG u l-FAEŻR, biex jipprovdu flessibilità eċċezzjonali għall-

<sup>3</sup> COM(2017) 720 final

użu tal-Fondi Strutturali u ta' Investiment Ewropej bħala reazzjoni għat-tifqigħa tal-COVID-19 (l-Inizjattiva ta' Investiment fir-Rispons għall-Coronavirus) kif ukoll il-miżuri l-oħra kollha mmirati li jindirizzaw is-sitwazzjoni attwali bla preċedent. Il-miżuri huma konsistenti mal-proposta tal-Kummissjoni għal Strument ta' Rkupru tal-Unjoni Ewropea stabbilit bir-Regolament propost (UE) XXX/XX.

*Kompatibbiltà u sinerġija possibbli ma' strumenti xierqa oħra*

Apparti s-sinerġiji li diġà huma elenkati għal Orizzont Ewropa, l-NDICI u l-interventi tal-FAEŻR skont il-Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK fil-proposti rispettivi tal-Kummissjoni preċedenti tal-2018, din l-inizjattiva speċifika fil-kuntest tal-proposta riveduta tal-QFP tistabbilixxi sinerġiji b'saħħithom bejn dawn il-programmi u l-Istrument il-ġdid ta' Rkupru tal-Unjoni Ewropea, stabbilit bir-Regolament propost (UE) XXX/XX. Dan tal-aħħar se jippermetti li jiġu pprovduti fondi għal dawn il-programmi settorjali għal perjodu ta' żmien limitat aktar mil-limiti massimi tal-QFP bħala riżultat tal-komplementarjetà tal-oġġettivi u l-funzjonament ta' dawn l-istrumenti u fid-dawl tar-raġuni u l-valur miżjud ippreżentati fit-taqsimha 1.4.2. ta' hawn fuq.

## Durata u impatt finanzjarju

### durata limitata

- Fis-seħħ mill-[JJ/XX]SSSS sa [JJ/XX]SSSS
- Impatt finanzjarju minn SSSS sa SSSS għall-appropriazzjonijiet ta' impenn u minn SSSS sa SSSS għall-appropriazzjonijiet ta' pagament.

### durata illimitata

Implimentazzjoni b'perjodu ta' bidu tat-tħaddim mill-2021 'l quddiem, segwit minn tħaddim fuq skala sħiħa.

### Mod(i) ta' ġestjoni ppjanat(i)<sup>4</sup>

#### Ġestjoni diretta mill-Kummissjoni

X mid-dipartimenti tagħha, inkluż mill-persunal tagħha fid-delegazzjonijiet tal-Unjoni;

X mill-aġenziji eżekuttivi

#### Ġestjoni kondiviża mal-Istati Membri

#### Ġestjoni indiretta billi l-kompiti tal-implimentazzjoni baġitarja jiġu nkarigati lil:

X lill-pajjiżi terzi jew lill-korpi nnominati minnhom;

X l-organizzazzjonijiet internazzjonali u l-aġenziji tagħhom (iridu jiġu speċifikati);

X il-BEI u l-Fond Ewropew tal-Investment;

X korpi msemmijin fl-Artikoli 70 u 71 tar-Regolament Finanzjarju;

X korpi rregolati bil-liġi pubblika;

X korpi amministrati mid-dritt privat b'missjoni ta' servizz pubbliku sal-punt li jipprovdu garanziji finanzjarji adegwati;

X korpi rregolati mid-dritt privat ta' Stat Membru li jkunu fdati bl-implimentazzjoni ta' sħubija pubblika-privata u li jipprovdu garanziji finanzjarji adegwati;

X persuni fdati bl-implimentazzjoni ta' azzjonijiet speċifiċi fil-PESK skont it-Titolu V tat-TUE, u identifikati fl-att bażiku rilevanti.

Kummenti:

Il-Kummissjoni tista' tiddeċiedi li tiddelega parti mill-implimentazzjoni tat-tiżi ta' Orizzont Ewropa lil aġenzija eżekuttiva, f'konformità mal-mod ta' ġestjoni deċiż għall-attivitajiet li se jiġu msaħħa.

<sup>4</sup> Dettalji tal-modi ta' ġestjoni u referenzi għar-Regolament Finanzjarju jistgħu jinstabu fuq is-sit BudgWeb: <https://myintracomm.ec.europa.eu/budgweb/EN/man/budgmanag/Pages/budgmanag.aspx>

## MIŻURI TA' ĠESTJONI

### Regoli ta' monitoraġġ u ta' rappurtar

*Speċifika l-frekwenza u l-kundizzjonijiet.*

Ara d-dikjarazzjonijiet finanzjarji leġislattivi tal-proposti tal-Kummissjoni: COM(2018) 460 final, COM(2018) 435 final, COM(2018) 436 final, (COM(2018) 392) final

### Sistema/i ta' ġestjoni u ta' kontroll

Ara d-dikjarazzjonijiet finanzjarji leġislattivi tal-proposti tal-Kummissjoni: COM(2018) 460 final, COM(2018) 435 final, COM(2018) 436 final, (COM(2018) 392) final

### Miżuri għall-prevenzjoni ta' frodi u ta' irregolaritajiet

*Speċifika l-miżuri ta' prevenzjoni u ta' protezzjoni eżistenti jew previsti, pereż. mill-Istrateġija Kontra l-Frodi.*

Ara d-dikjarazzjonijiet finanzjarji leġislattivi tal-proposti tal-Kummissjoni: COM(2018) 460 final, COM(2018) 435 final, COM(2018) 436 final, (COM(2018) 392) final

## IMPATT FINANZJARJU STMAT TAL-PROPOSTA/TAL-INIZJATTIVA

### Intestaturi tal-qafas finanzjarju pluriennali u linja/i baġitarja/i ta' nfiq ġdid propost

Intestatura tal-qafas finanzjarju pluriennali	Linja Baġitarja	Type of nefqa	Kontribuzzjoni			
			mill-pajjiżi tal-EFTA <sup>6</sup>	mill-pajjiżi kandidati <sup>7</sup>	minn pajjiżi terzi	skont it-tifsira tal-Artikolu [21(2)(b)] tar-Regolament Finanzjarju
	<b>Intestatura 1. Suq Uniku, Innovazzjoni u Diġitali</b>	Diff./mhux diff <sup>5</sup> .				
1	01 01 01 01, 01 01 01 02, 01 01 01 03, 01 01 01 61, 01 01 01 62, 01 01 01 62, 01 01 01 63, 01 01 01 64 Nefqa ta' appoġġ għal "Orizzont Ewropa", inklużi l-kontribuzzjonijiet lill-Aġenziji Eżekuttivi li jimplimentaw il-programm	Mhux Diff.	IVA	IVA	IVA	LE
1	01 02 02 10 Cluster "Saħħa"	Diff.	IVA	IVA	IVA	LE

<sup>5</sup> Diff. = Approprijazzjonijiet differenzjati / Mhux diff. = Approprijazzjonijiet mhux differenzjati.

<sup>6</sup> EFTA: Assoċjazzjoni Ewropea tal-Kummerċ Ħieles.

<sup>7</sup> Pajjiżi kandidati u, fejn applikabbli, il-kandidati potenzjali mill-Balkani tal-Punent.



1	01 02 02 40 Cluster “Diġitali, Industrija u Spazju”	Diff.	IVA	IVA	IVA	LE
1	01 02 02 50 Cluster “Klima, Enerġija u Mobilita”	Diff.	IVA	IVA	IVA	LE
1	01 02 03 01 Kunsill Ewropew tal-Innovazzjoni	Diff.	IVA	IVA	IVA	LE
	<b>Intestatura 3. Riżorsi naturali u ambjent</b>	Diff./mhux diff. <sup>8</sup> .	mill-pajjiżi tal-EFTA <sup>9</sup>	mill-pajjiżi kandidati <sup>10</sup>	minn pajjiżi terzi	skont it-tifsira tal-Artikolu [21(2)(b)] tar-Regolament Finanzjarju
3	<b>08 01 02 Nefqa ta’ appoġġ għall-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali (FAEŻR)</b>	Mhux Diff.	LE	LE	LE	LE
3	<b>08 03 01 03 Tipi ta’ interventi għall-iżvilupp rurali fil-Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK iffinanzjati mill-EURI</b>	Diff.	LE	LE	LE	LE
3	<b>08 03 02 FAEŻR – Assistenza teknika operazzjonali</b>	Diff.	LE	LE	LE	LE
	<b>Intestatura 6. II-Viċinat u d-Dinja</b>	Diff./mhux diff. <sup>11</sup> .	mill-pajjiżi tal-EFTA <sup>12</sup>	mill-pajjiżi kandidati <sup>13</sup>	minn pajjiżi terzi	skont it-tifsira tal-Artikolu [21(2)(b)] tar-Regolament Finanzjarju
6	15 01 01 Nefqa ta’ appoġġ għall-Istrument ta’ Viċinat, ta’ Kooperazzjoni għall-Iżvilupp u ta’ Kooperazzjoni Internazzjonali	Mhux Diff.	LE	LE	LE	LE
6	15 02 01 07 Il-proviżjonament tal-Garanzija għall-Azzjoni Esterna	Diff.	IVA	IVA	IVA	LE

<sup>8</sup> Diff. = Appropriazzjonijiet differenzjati / Mhux diff. = Appropriazzjonijiet mhux differenzjati.

<sup>9</sup> EFTA: Assoċjazzjoni Ewropea tal-Kummerċ Ħieles.

<sup>10</sup> Pajjiżi kandidati u, fejn applikabbli, il-kandidati potenzjali mill-Balkani tal-Punent.

<sup>11</sup> Diff. = Appropriazzjonijiet differenzjati / Mhux diff. = Appropriazzjonijiet mhux differenzjati.

<sup>12</sup> EFTA: Assoċjazzjoni Ewropea tal-Kummerċ Ħieles.

<sup>13</sup> Pajjiżi kandidati u, fejn applikabbli, il-kandidati potenzjali mill-Balkani tal-Punent.

## Impatt stmat fuq in-nefqa

Sommarju tal-impatt stmat fuq in-nefqa

Miljuni ta' EUR (sa tliet punti deċimali)

<b>L-intestatura tal-qafas finanzjarju pluriennali</b>	<b>&lt; 1, 3 u 6 &gt;</b>	[Intestatura 1 – Suq Uniku, Innovazzjoni u Diġitali, Intestatura 3 – Riżorsi Naturali u Ambjent, Intestatura 6 – Il-Viċinat u d-Dinja]
--	---------------------------	--

Apparti l-pakkett finanzjarju definit fl-Artikolu 9 tar-Regolament propost COM(2018) 435 (“Orizzont Ewropa, ir-Regolament dwar il-Programm Qafas”) u l-Artikolu 4 tad-Deċiżjoni proposta dwar il-Programm Speċifiku Orizzont Ewropa, EUR 14 647 miljun (bil-prezzijiet kurrenti) se jkunu disponibbli bħala dħul assenjat estern, skont it-tifsira tal-Artikolu 21(5) tar-Regolament Finanzjarju bħala finanzjament mill-Istrument ta' Rkupru tal-Unjoni Ewropea. Minn dan l-ammont, sa EUR 689,160 miljun jistgħu jiġu ddedikati għan-nefqa amministrattiva, inklużi l-ispejjeż għall-persunal estern.

It-tqassim indikattiv tan-nefqa minn dħul assenjat estern huwa kif ġej:

[Orizzont Ewropa]			2021	2022	2023	2024	2025	2026	2027	Wara l-2027	TOTAL
Nefqa operazzjonali minn dħul assenjat estern tal-EURI	Impenji	(1)	4 919,020	4 739,320	2 558,890	1 740,610					13 957,840
	Pagamenti	(2)	433,668	3 479,853	2 708,187	2 475,285	1 978,160	1 860,712	909,443	112,532	13 957,840
Nefqa ta' appoġġ amministrattiv mid-dħul assenjat estern tal-EURI	Impenji = Pagamenti	(3)	126,980	197,680	132,110	106,390	51,000	37,000	38,000		689,160
Dħul assenjat estern totali	Impenji	=1+3	5 046,000	4 937,000	2 691,000	1 847,000	51,000	37,000	38,000		14 647,000
	Pagamenti	=2+3	560,648	3 677,533	2 840,297	2 581,675	2 029,160	1 897,712	947,443	112,532	14 647,000

Apparti l-pakkett finanzjarju definit fl-Artikolu 83 tar-Regolament propost COM(2018) 392 (l-interventi tal-FAEŻR skont il-Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK), EUR 16 483 miljun (bil-prezzijiet kurrenti) se jkun disponibbli bħala dħul assenjat estern għas-snin 2022-2024<sup>14</sup>, skont it-tifsira tal-Artikolu 21(5) tar-Regolament Finanzjarju bħala finanzjament mill-Istrument ta' Rkupru tal-Unjoni Ewropea. Minn dan l-ammont, sa EUR 6,000 miljun jistgħu jiġu ddedikati għan-nefqa amministrattiva, inklużi l-ispejjeż għall-persunal estern. L-Assistenza teknika operazzjonali hija inkluża fl-ammont għan-nefqa operazzjonali u se tkun ikkalkulata meta t-tqassim tar-riżorsi addizzjonali msemmija fil-paragrafu 1 għal kull Stat Membru, jiġi stabbilit f'konformità mal-Artikolu 83(3) ta' COM(2018) 392.

It-tqassim indikattiv tan-nefqa minn dħul assenjat estern huwa kif ġej:

[FAEŻR]			2021	2022	2023	2024	2025	2026	2027	Wara l-2027	TOTAL
Nefqa operazzjonali iffinanzjata minn dħul assenjat estern tal-EURI	Impenji	(1)		8 116,000	4 139,000	4 222,000					16 477,000
	Pagamenti	(2)		2 029,000	3 875,350	4 938,950	3 531,000	1 680,500	422,200		16 477,000
FAEŻR – Assistenza teknika operazzjonali (kontribuzzjoni mid-dħul assenjat estern tal-EURI)	Impenji	(1)		p.m.	p.m.	p.m.					p.m.
	Pagamenti	(2)		p.m.	p.m.	p.m.	p.m.	p.m.	p.m.	p.m.	p.m.
Nefqa ta' appoġġ amministrattiv (kontribuzzjoni mid-dħul assenjat estern tal-EURI)	Impenji = Pagamenti	(3)		1,000	1,000	1,000	1,000	1,000	1,000		6,000
Dħul assenjat estern totali	Impenji	=1+3		8 117,000	4 140,000	4 223,000	1,000	1,000	1,000		16 483,000
	Pagamenti	=2+3		2 030,000	3 876,350	4 939,950	3 532,000	1 681,500	423,200		16 483,000

Apparti l-pakkett finanzjarju definit fl-Artikolu 6 tar-Regolament COM(2018) 460 final, ("NDICI"), EUR 11 448,070 miljun (bil-prezzijiet kurrenti) se jkun disponibbli bħala dħul assenjat estern, skont it-tifsira tal-Artikolu 21(5) tar-Regolament Finanzjarju bħala finanzjament mill-Istrument ta' Rkupru tal-Unjoni Ewropea. Minn dan l-ammont, sa EUR 162,308 miljun jistgħu jiġu ddedikati għan-nefqa amministrattiva, inklużi l-ispejjeż għall-persunal estern.

<sup>14</sup> Għall-attivitajiet bħall-monitoraġġ tal-implimentazzjoni, inklużi l-awditjar u l-ġestjoni finanzjarja, u l-parteciġazzjoni fil-proċess tal-għeuq tal-programmi ffinanzjati min-nefqa amministrattiva, jistgħu jittieħdu impenji sal-2027 (ara d-dettalji fit-tabella hawn fuq).

*It-tqassim indikattiv tan-nefqa minn dħul assenjat estern huwa kif ġej:*

[Garanzija għall-Azzjoni Esterna - NDICI]			2021	2022	2023	2024	2025	2026	2027	TOTAL
Nefqa operazzjonali minn dħul assenjat estern tal-EURI	Impenji	(1)	3 265,383	3 331,093	2 274,063	2 320,063	27,383	33,389	34,389	11 285,762
	Pagamenti	(2)	23,133	1 883,383	1 883,383	1 883,383	1 883,383	1 888,389	1 840,709	11 285,762
Nefqa ta' appoġġ amministrattiv mid-dħul assenjat estern tal-EURI	Impenji = Pagamenti	(3)	24,617	24,617	24,617	24,617	24,617	19,611	19,611	162,308
Dħul assenjat estern totali	Impenji	=1+3	3 290,000	3 355,710	2 298,680	2 344,680	52,000	53,000	54,000	11 448,070
	Pagamenti	=2+3	47,750	1 908,000	1 908,000	1 908,000	1 908,000	1 908,000	1 860,320	11 448,070

<b>L-intestatura tal-qafas finanzjarju pluriennali</b>	<b>7</b>	<b>“Nefqa amministrattiva”</b>
--	----------	--------------------------------

Miljuni ta' EUR (sa tliet punti deċimali)

	2021	2022	2023	2024	2025	2026	2027	TOTAL
Riżorsi umani								

Infiq amministrattiv ieħor									
<b>TOTAL tal-appropriazzjonijiet skont l- INTESTATURA 7 tal-qafas finanzjarju pluriennali</b>	(Total ta' impenji = Total ta' pagamenti)	-	-	-	-	-	-	-	-

*Sommarju tal-impatt stmat fuq l-approprjazzjonijiet ta' natura amministrattiva*

Il-proposta/l-inizjattiva ma tirrikjedix l-użu ta' approprjazzjonijiet ta' natura amministrattiva

Il-proposta/l-inizjattiva tirrikjedi l-użu ta' approprjazzjonijiet ta' natura amministrattiva, kif spjegat hawn taħt:

Miljuni ta' EUR (sa tliet punti deċimali)

Snin	2021	2022	2023	2024	2025	2026	2027	TOTAL
------	------	------	------	------	------	------	------	-------

<b>HEADING 7 tal-qafas finanzjarju pluriennali</b>								
Riżorsi umani								
Infiq amministrattiv ieħor								
<b>Subtotal HEADING 7 tal-qafas finanzjarju pluriennali</b>	-	-	-	-	-	-	-	-

<b>Barra mill- INTESTATURA 7<sup>15</sup> tal-qafas finanzjarju pluriennali</b>								
Riżorsi umani - dħul assenjat estern (riċerka)	6,000	6,000	6,000	4,800	2,400	1,600	1,200	28,000
Other expenditure ta' natura amministrattiva - dħul assenjat estern (riċerka)	120,980	191,680	126,110	101,590	48,600	35,400	36,800	661,160
<b>Subtotal tad-dħul assenjat estern (riċerka)</b>	<b>126,980</b>	<b>197,680</b>	<b>132,110</b>	<b>106,390</b>	<b>51,000</b>	<b>37,000</b>	<b>38,000</b>	<b>689,160</b>
Riżorsi umani - dħul assenjat estern (mhux ta' riċerka) - NDICI	16,440	16,440	16,440	16,440	16,440	11,434	11,434	105,068
Other expenditure ta' natura amministrattiva - dħul assenjat estern (mhux ta' riċerka) - NDICI	8,177	8,177	8,177	8,177	8,177	8,177	8,177	57,240
Riżorsi umani - dħul assenjat estern (mhux ta' riċerka) - FAEŻR	0,000	0,720	0,720	0,720	0,720	0,720	0,000	3,600
Other expenditure ta' natura amministrattiva - dħul assenjat estern (mhux ta' riċerka) -	0,000	0,280	0,280	0,280	0,280	0,280	1,000	2,400

<sup>15</sup> Assistenza teknika u/jew amministrattiva u nefqa li jappoġġaw l-implimentazzjoni ta' programmi u/jew ta' azzjonijiet tal-UE (li qabel kienu l-linji "BA"), ir-riċerka indiretta u r-riċerka diretta.

FAEŻR								
Subtotal tad-dħul assenjat estern (mhux ta' riċerka)	24,617	25,617	25,617	25,617	25,617	20,611	20,611	168,307
<b>Subtotal barra mill-INTESTATURA 7 of the multiannual financial framework</b>	151,597	223,297	157,727	132,007	76,617	57,611	58,611	857,467

L-appropriazzjonijiet meħtieġa għar-riżorsi umani u għal infiq ieħor ta' natura amministrattiva se jiġu koperti mill-appropriazzjonijiet tad-DĠ li diġà jkunu assenjati għall-ġestjoni tal-azzjoni u/jew li diġà jkunu ġew riassenjati fid-DĠ, flimkien, jekk ikun meħtieġ, ma' kwalunkwe allokkazzjoni addizzjonali li tista' tingħata lid-DĠ tal-ġestjoni skont il-proċedura annwali ta' allokkazzjoni u fid-dawl tal-limitazzjonijiet baġitarji. Persunal addizzjonali se jkun biss persunal estern u se jiġi ffinanzjat biss minn dħul assenjat.

#### Rekwiżiti stmati tar-riżorsi umani

- Il-proposta/l-inizjattiva ma tirrikjedix l-użu ta' riżorsi umani.
- Il-proposta/l-inizjattiva tirrikjedi l-użu ta' riżorsi umani, kif spjegat hawn taħt:

*L-istima trid tiġi espressa f'unitajiet ekwivalenti għall-full-time*

Snin	2021	2022	2023	2024	2025	2026	2027
<b>• Pożizzjonijiet fil-pjan ta' stabbiliment (uffiċjali u persunal temporanju)</b>							
Kwartieri Ġenerali u Uffiċċji tar-Rappreżentanza tal-Kummissjoni							
Id-Delegazzjonijiet							
Ir-Riċerka							
<b>• Persunal estern (f'unità Ekwivalenti għall-Full-Time: FTE) - AC, AL, END, INT u JED</b> <sup>16</sup>							
Intestatura 7							
Iffinanzjat mill-INTESTATURA 7 tal-qafas finanzjarju pluriennali	- fil-Kwartieri Ġenerali						
	- fid-Delegazzjonijiet						
Iffinanzjat mill-pakkett tal-programm <sup>17</sup>	- fil-kwartieri ġenerali						
	- fid-Delegazzjonijiet						
Ohrain: dħul assenjat estern (riċerka) <sup>18</sup>	75	75	75	60	30	20	15
Ohrain: dħul assenjat estern (mhux ta' riċerka) - NDICI	150	150	150	150	150	105	105
Ohrain: dħul assenjat estern (mhux ta' riċerka) - FAEŻR	0	9	9	9	9	9	
<b>TOTAL</b>	<b>225</b>	<b>234</b>	<b>234</b>	<b>219</b>	<b>189</b>	<b>134</b>	<b>120</b>

<sup>16</sup> AC = Aġent Kuntrattwali; AL = Persunal Lokali; END = Espert Nazzjonali Sekondar; INT = persunal tal-aġenzija; JPD = Esperti żgħażaġh fid-Delegazzjonijiet.

<sup>17</sup> Sottolimitu għall-persunal estern kopert minn appropriazzjonijiet operazzjonali (li qabel kienu l-linji "BA").

<sup>18</sup> Abbażi ta' valutazzjoni bir-reqqa tal-impatt fuq ir-riżorsi, dawn l-istimi ma jippreġudikawx il-persunal addizzjonali meħtieġ fl-Aġenziji Eżekuttivi u ffinanzjat minn dħul assenjat.

Ir-riżorsi umani meħtieġa se jiġu koperti mill-persunal tad-DĠ li diġà jkun assenjat għall-ġestjoni tal-azzjoni u/jew li diġà jkun ġie riassenjat fid-DĠ, flimkien, jekk ikun meħtieġ, ma' kwalunkwe allokkazzjoni addizzjonali li tista' tingħata lid-DĠ tal-ġestjoni skont il-proċedura annwali ta' allokkazzjoni u fid-dawl tal-limitazzjonijiet baġitarji. Persunal addizzjonali se jkun biss persunal estern u se jiġi ffinanzjat biss minn dħul assenjat.

Deskrizzjoni tal-kompiti li jridu jsiru:

Persunal estern	Il-persunal estern jassisiti lill-uffiċjali u lill-aġenti temporanji biex jikkontribwixxu għall-implimentazzjoni tal-miżuri msemmijin fir-Regolament dwar l-ERI u li għandhom jiġu implimentati skont il-programmi rilevanti.
-----------------	---



### Impatt stmat fuq id-dħul

X Il-proposta/l-inizjattiva ma għandha l-ebda impatt finanzjarju fuq id-dħul.

Il-proposta/l-inizjattiva għandha l-impatt finanzjarju li ġej:

fuq ir-riżorsi proprji

fuq dħul ieħor

indika, jekk id-dħul hux assenjat għal-linji tan-nefqa X

Miljuni ta' EUR (sa tliet punti deċimali)

Linja baġitarja tad-dħul:	Impatt tal-proposta/tal-inizjattiva <sup>19</sup>						
	2021	2022	2023	2024	2025	2026	2027
Artikolu .....							

Għad-dħul assenjat, speċifika l-linja/i baġitarja/i tan-nefqa affettwata/i.

[...]

Kummenti oħrajn (eż. il-metodu/il-formula użati għall-kalkolu tal-impatt fuq id-dħul jew kwalunkwe informazzjoni oħra).

[...]